**25 ta' Settembru, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Theresa Mizzi

**Rikors ta' Appell – Isem tal-Qorti li fih jiġi Ppreżentat – Nullità**

*F'dan il-każ rikors ta' appell intestat "Fil-Qorti Kriminali sedi ta' l-Appell Inferjuri" ġie ritenut li ma jħalli ebda dubbju għal liema Qorti l-appellant qiegħed jirreferi, u għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali ġiet respinta.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tad-29 ta' Mejju, 1988 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Theresa Mizzi;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Theresa Mizzi;

*Omissis;*

Ittrattat ir-rikors ta' l-appell, ikkunsidrat, illi fl-udjenza tas-6 ta' Settembru, 1989, għall-Avukat Ġenerali kienet eċċepita n-nullità tar-rikros ta' l-Appell stante li ġie intavolat fil-Qorti Kriminali u mhux fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Jidher ċar mir-rikors ta' l-appell, illi dan ir-rikors kien intestat "fil-Qorti Kriminali sedi ta' l-Appell Inferjuri". Huwa veru illi din l-intestatura m'hijiex l-intestatura preċiża li trid il-liġi "fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali" però hawnhekk m'għandniex biss fil-Qorti Kriminali, iżda għandna wkoll il-kwalifika Sedi ta' l-Appell

Inferjuri. Il-Qorti hija tal-fehma illi din il-kwalifika billi tista' timporta biss appell lil din il-Qorti u lil ebda Qorti oħra, m'għandhiex toħloq diffikultà. Huwa veru li fis-sistema ġudizzjarju Malti, Appelli Kriminali hemm tnejn, Qrati ta' l-Appell Kriminali hemmm tnejn, il-Qorti ta' l-Appell, magħmula minn tliet imħallfin li għandha l-ġurisdizzjoni li tikkunsidra Appelli minn Ġurijiet u din il-Qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tikkunsidra Appelli minn deċiżjonijiet tal-Qrati Inferjuri, u konsegwentement il-Kwalifika Sedi ta' l-Appell Inferjuri, fil-fehma tal-Qorti, torbot immedjatament ma' din il-Qorti, u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tifhem li fi żminijiet kontemporanji flok ma toqgħod marbuta mal-preċiżjoni assoluta tal-kelma li trid il-liġi għandha ssalva dak li huwa salvabbili, u la m'hemm l-ebda dubbju li dan ir-rikors kien intestat biex jasal quddiem din il-Qorti, il-Qorti għandha tifhem li għandha taċċettah u mhux tanulla d-dritt ta' l-appell ta' l-appellant sempliċement il-għaliex *il-formolarju preċiż* kellu xi difett u xi nuqqas. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali u tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu għall-4 ta' Diċembru 1989.